

31991L0477

13.9.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 256/51

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tat-18 ta' Ġunju 1990
dwar il-kontroll ta' l-akkwist u l-pussess ta' armi
 (90/477/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 a,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

B' kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku ⁽³⁾,

Billi l-Artikolu 8a tat-Trattat jipprovdi li s-suq internazzjonali għandu jiġi stabbilit mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern fih żona mingħajra fruntieri interni fejn huwa żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital skond d-dispożizzjonijiet tat-Trattat;

Billi, fil-laqgħa ta' Fontainebleau fil-25 u 26 ta' Ġunju 1984, il-Kunsill Ewropew espressament iddeċida li jabolixxi l-formalitajiet tal-pulizija u tad-dwana fil-fruntieri ta' ġewwa l-Komunità;

Billi l-abolizzjoni totali tal-kontrolli u tal-formalitajiet fil-fruntieri ta' ġewwa l-Komunità teħtieġ li ċerti kondizzjonijiet fundamentali jiġu mħarsa; billi fil-white paper tagħha 'Sabiex jitkompla s-suq intern' il-Kummissjoni qalet illi l-abolizzjoni tal-kontrolli fuq is-sigurtà ta' l-oġġetti ttrasportati u fuq il-persuni teħtieġ fost affarijiet oħra, l-approssimazzjoni tal-liġijiet dwar l-armi;

Billi l-abolizzjoni tal-kontrolli dwar il-pussess ta' l-armi fil-fruntieri interni tal-Komunità tirrikjedi li jiġu adottati regoli effettivi li jippermettu li jsiru l-kontrolli fl-Istati Membri dwar l-akkwist u l-pussess ta' l-armi tan-nar u dwar it-trasferiment tagħhom lejn Stat Membru ieħor; billi l-kontrolli sistematiċi għandhom għaldaqstant jiġu aboliti fil-fruntieri interni tal-Komunità;

Billi l-kunfidenza reċiproka fil-qasam tal-protezzjoni tas-sigurtà tal-persuni li dawn ir-regoli għandhom ikatru bejn l-Istati Membri tkun akbar jekk ir-regoli jkunu bbażati fuq liġijiet parzjalment armonizzati; billi għaldaqstant ikun utli li wieħed jiddetermina l-kategoriji ta' armi tan-nar li l-akkwist u l-pussess tagħhom minn persuni privati huwa pprobit, jew suġġett għall-awtorizzazzjoni jew għal dikjarazzjoni;

Billi in prinċipju m'għandux ikun permess li wieħed imur minn Stat Membru għall-ieħor meta jkollu fuqu arma; billi deroga minn dan hija biss aċċettabli jekk tiġi adottata proċedura li biha l-Istati Membri jiġu nnotifikati li arma tan-nar ser tinġieb fit-territorju tagħhom;

Billi, madanakollu, għandhom jiġu adottati regoli aktar flessibbli dwar il-kaċċa u l-isparar fuq bersalji sabiex jiġi evitat t-tfixkil aktar minn dak li hemm bżonn għall-moviment liberu tal-persuni;

Billi d-Direttiva ma taffettwax id-dritt ta' l-Istati Membri li jieħdu miżuri sabiex iwaqfqu l-kummerċ illegali fl-armi,

⁽¹⁾ ĠU Ċ 235, 1.9.1987, p. 8u

ĠU Ċ 299, 28.11.1989, p. 6.

⁽²⁾ ĠU Ċ 231, 17.9.1990, p. 69 u

ĠU Ċ 158, 17.6.1991, p. 89.

⁽³⁾ ĠU Ċ 35, 8.2.1988, p. 5.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 2

KAPITOLU 1

Il-qasam ta' applikazzjoni*Artikolu 1*

1. Għall-fini ta' din id-Direttiva 'armi' u 'armi tan-nar' għandhom it-tifsira mogħtija lilhom fl-Anness I. L-armi tan-nar huma kklassifikati u mfissra fis-sezzjoni II ta' dak l-Anness.

2. Għall-fini ta' din id-Direttiva 'kummerċjant' ifisser kull persuna naturali jew legali li l-kummerċ jew in-negozju tiegħu jikkonsistu kompletament jew parzjalment fil-manifattura, kummerċ, bdil, kiri, tiswijiet jew konverżjoni ta' armi tan-nar.

3. Għall-fini ta' din id-Direttiva, persuna tkun meqjusa residenti tal-pajjiż indikat fl-indirizz li jidher fuq dokument li juri l-post tar-residenza tagħha, bħalma hu passaport jew karta ta' l-identità, li meta jsir il-kontroll fuq il-pussess jew l-akkwist, jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru jew lill-kummerċjant.

4. Il-Pass Ewropew ta' l-armi tan-nar' huwa dokument li jinħareġ fuq it-talba ta' l-awtoritajiet ta' Stat Membru lil persuna li b' mod legali jkollha l-pussess ta' u l-użu ta' arma tan-nar. Għandu jkun validu għal perjodu massimu ta' ħames snin. Il-pejodu ta' validità tiegħu jista' jiġi estiż. Meta fuq il-pass jidhru biss armi tan-nar ikklassifikati fil-kategorija D, il-pejodu ta' validità massimu tagħhom ikun ta' għaxar snin. Huwa għandu jagħti l-informazzjoni msemmija fl-Anness II. Il-Pass Ewropew għall-armi tan-nar' huwa dokument mhux trasferibbli, li fuqu għandhom jidhru l-arma jew l-armi tan-nar li jkunu fil-pussess jew li jintużaw mid-detentur tal-pass. Il-persuna li tuża l-arma tan-nar għandha dejjem ikollha l-pass fil-pussess tagħha. Tibdil fil-pussess jew fil-karatteristiċi ta' l-armi tan-nar għandu jiġi indikat fuq il-pass, kif ukoll it-telf jew is-serq ta' l-arma tan-nar.

Artikolu 2

1. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-ġarr ta' armi, il-kaċċa jew l-isparar fuq bersalji.

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għall-akkwist jew għall-pussess ta' armi jew munizzjoni, skond il-liġi nazzjonali, mill-forzi armati, il-pulizija, u l-awtoritajiet pubbliċi jew minn kollezzjonisti u korpi interessati fl-aspetti kulturali jew storiċi ta' l-armi u li huma magħrufa bħala tali mill-Istat Membru li huma stabbiliti fit-territorju tagħhom. Lanqas ma tapplika għat-trasferimenti kummerċjali ta' armi u munizzjoni tal-gwerra.

Artikolu 3

Fil-liġi tagħhom l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet li huma aktar strinġenti minn dawk ipprovduti f' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija lir-residenti ta' l-Istati Membri fl-Artikolu 12(2).

Armonizzazzjoni tal-liġijiet li jikkonċernaw l-armi tan-nar.*Artikolu 4*

Ta' lanqas fejn jidhru l-kategoriji A u B, kull Stat Membru għandu jagħmel l-attività tal-kummerċjanti fit-territorju tiegħu soġġetta għall-awtorizzazzjoni a bażi ta' mill-anqas kontroll wieħed fuq l-integrità privata u professjonali tal-kummerċjant. Fil-każ ta' persuna legali, il-kontrolli jkunu fuq il-persuna li tmexxi l-impriża. Dwar il-kategoriji Ċ u D, kull Stat Membru li ma jagħmilx l-attività tal-kummerċjant soġġetta għall-awtorizzazzjoni għandu jagħmilha soġġetta għal dikjarazzjoni.

Kull kummerċjant għandu jżomm reġistru li fih jiddokumenta l-informazzjoni dwar l-armi tan-nar kollha kklassifikati fil-kategoriji A, B jew Ċ li huwa jkun irċieva jew iddispona minnhom, inklużi d-dettalji li jippermettu li l-arma tiġi identifikata u b' mod partikolari t-tip, l-għamla, il-mudell, il-kalibru u n-numru tas-serje tagħha u l-ismijiet u l-indirizzi tal-fornitur u tal-persuna li takkwista l-arma. L-Istati Membri għandhom jikkontrollaw regolarment il-ħarsien ta' dan l-obbligu mill-kummerċjanti. Il-kummerċjant għandu jżomm ir-reġistru għal perjodu ta' ħames snin, wkoll wara li huwa ma jibqax fil-kummerċ.

L-Artikolu 5

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom iħallu l-akkwist u l-pussess ta' l-armi tan-nar ikklassifikati fil-kategoriji B biss minn persuni li jkollhom raġuni tajba u li:

- (a) jkollhom 18-il sena jew aktar, ħliet għall-kaċċa jew l-isparar fuq bersalji;
- (b) x'aktarx mhumieq ta' perikolu għalihom nfushom, għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jippermettu l-pussess ta' l-armi tan-nar ikklassifikati fil-kategoriji Ċ u D biss minn persuni li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-punt (a) ta' l-ewwel paragrafu.

L-Istati Membri jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni għall-pussess ta' l-arma tan-nar jekk il-kondizzjonijiet tal-punt (b) ta' l-ewwel paragrafu ma jibqgħux jiġu mħarsa.

L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu persuni residenti fit-territorji tagħhom mill-pussess ta' arma akkwistata fi Stat Membru ieħor sakemm huma ma jipprojbixxux ukoll l-akkwist ta' l-istess arma fit-territorju tagħhom..

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa sabiex jipprojbixxu l-akkwist u l-pussess ta' l-armi tan-nar u tal-munizzjoni kklassifikata fil-kategorija A. F'każijiet speċjali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaaw l-akkwist ta' dawn l-armi u munizzjoni fejn dan ma jmurx kontra s-sigurtà u l-ordni pubbliku.

Artikolu 7

1. Ħadd ma jista' jakkwista arma tan-nar li hija kklassifikata fil-kategorija B fit-territorju ta' Stat Membru sakemm ma jkunx awtorizzat minn dak l-Istat Membru.

L-ebda awtorizzazzjoni ma tista' tingħata lil resident ta' Stat Membru ieħor mingħajr ftehim minn qabel ma' l-Istat Membru ta' l-aħħar.

2. Ħadd ma jista' jkollu fil-pussess tiegħu arma tan-nar li hija kklassifikata fil-kategorija B fit-territorju ta' Stat Membru sakemm ma jkunx awtorizzat minn dak l-Istat Membru. Jekk huwa residenti ta' Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jiġi infurmat b'dan.

3. L-awtorizzazzjoni sabiex wieħed jixtri jew ikollu fil-pussess tiegħu arma tan-nar ikklassifikata fil-kategorija B, tista' tingħata permezz ta' deċizzjoni amministrattiva waħda.

Artikolu 8

1. Ħadd ma jista' jkollu fil-pussess tiegħu arma tan-nar ikklassifikata fil-kategorija Ċ sakemm ma jkunx iddikjaraha lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru fejn dik l-arma tan-nar tinżamm.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu dispożizzjonijiet dwar iddikjarazzjoni obbligatorja ta' l-armi tan-nar kollha li huma kklassifikati fil-kategorija Ċ u li bħal issa jinżammu fit-territorji tagħhom iżda li ma ġewx iddikjarati lilhom matul is-sena qabel id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva jkunu daħlu fis-seħħ

2. Kull bejjiegħ, kummerċjant jew persuna privata għandha tinforma lill-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn dan jiġri dwar kull trasferiment jew passaggġ ta' arma tan-nar kklassifikata fil-kategorija Ċ, u tagħti d-dettalji li permezz tagħhom l-arma tan-nar u l-persuna li tixtriha tista' tiġi identifikata. Kemm-il darba l-persuna li takkwista tali arma tan-nar hija residenti fi Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jiġi infurmat dwar l-akkwist, mill-Istat Membru fejn dan iseħħ u mill-persuna li takkwista l-arma tan-nar.

3. Kemm-il darba Stat Membru jipprojbixxi jew jagħmel l-akkwist u l-pussess ta' arma tan-nar ikklassifikata fil-kategoriji B, Ċ jew D, fit-territorju tiegħu soġġetta għall-awtorizzazzjoni, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra, li għandhom espressament jinkludu dikjarazzjoni f'dan is-sens f'kull pass Ewropew għall-armi tan-nar li huma joħorġu għal din l-arma tan-nar, taħt l-Artikolu 12(2).

Artikolu 9

1. It-trasferiment ta' arma tan-nar ikklassifikata fil-kategoriji A, B jew Ċ lill-persuna li mhijiex residenti fl-Istat Membru in kwistjoni huwa permess sakemm l-obbligi msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 8 jiġu rrispettati:

— meta l-persuna li takkwista tkun awtorizzata skond l-Artikolu 11 sabiex hija stess tagħmel it-trasferiment lejn il-pajjiż tar-residenza tagħha,

— meta l-persuna li takkwista tagħmel dikjarazzjoni bil-miktub li turi u tiġġustifika l-intenzjoni tagħha li żżomm fil-pussess tagħha l-arma tan-nar fl-Istat Membru fejn hi akkwistata, sakemm hija tħares il-kondizzjonijiet legali dwar il-pussess fis-seħħ f'dak l-Istat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw il-passaggġ temporanju ta' l-armi tan-nar skond il-proċeduri li huma jistabbilixxu.

Artikolu 10

L-arranġamenti dwar l-akkwist u l-pussess tal-munizzjoni għandhom ikunu l-istess bħal dawk dwar il-pussess ta' l-armi tan-nar li għalihom huwa maħsub il-munizzjoni.

KAPITOLU 3

Formalitajiet dwar il-moviment ta' armi fil-Kommunità

Artikolu 11

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12, l-armi tan-nar jistgħu jiġu biss ittrasferiti minn Stat Membru għall-ieħor skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafi li ġejjin. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw ukoll għat-trasferimenti ta' armi tan-nar wara li dawn ikunu nbiegħu permezz ta' ordni bil-posta.

2. Meta arma tan-nar għandha tiġi ttrasferita lejn Stat Membru ieħor, il-persuna interessata għandha qabel din tittieħed hemm, tagħti lill-Istat Membru fejn tkun tinstab l-arma d-dettalji li ġejjin:

— u l-indirizzi tal-persuna li tbiegħ jew tagħti l-arma tan-nar u tax-xerrej jew ta' min jakkwista jew fejn xieraq tas-sid,

— l-indirizz fejn l-arma tan-nar għandha tiġi kkonsenjata jew ittrasportata,

— in-numru ta' armi tan-nar li għandhom jiġu kkonsenjati jew ittrasportati,

— id-dettalji li jippermettu li l-arma tan-nar tiġi identifikata kif ukoll indikazzjoni li l-arma tan-nar għaddiet minn kontrolli skond il-Konvenzjoni tal-1 ta' Lulju 1969 dwar ir-Rikonnoxximent Reċiproku tal-Marki li jidentifikaw l-Armi ż-Żgħar,

— il-mezz li bih isir it-trasferiment,

— id-data tat-tluq u d-data maħsuba għall-wasla tagħha.

M'hemmx bżonn li tingħata l-informazzjoni msemmija fl-aħħar żewġ inċiżi meta t-trasferiment isir bejn żewġ kummerċjanti.

L-Istat Membru għandu jeżamina l-kondizzjonijiet li taħtom għandu jsir it-trasferiment, l-aktar fejn tidħol is-sigurtà.

Meta l-Istat Membru jawtorizza dan it-trasferiment, huwa għandu joħroġ liċenzja li tinkludi d-dettalji kollha msemmija fl-ewwel subparagrafu. Din il-liċenzja għandha tinżamm ma' l-arma tan-nar sakemm din tilħaq id-destinazzjoni tagħha; hija għandha tiġi ppreżentata kull meta hekk meħtieġ mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

3. Fil-każ ta' trasferiment ta' l-armi tan-nar, barra mill-armi tal-gwerra, li huma esklużi mill-qasam ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva skond l-Artikolu 2(2), kull Stat Membru jista' jagħti lill-kummerċjanti d-dritt li jagħmlu trasferimenti ta' l-armi tan-nar mit-territorju tagħhom lill-kummerċjant stabbilit fi Stat Membru ieħor mingħajr il-bżonn ta' l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2. Għal dan l-għan kull Stat Membru għandu jgħodgħ awtorizzazzjoni li tkun valida għal mhux aktar minn tliet snin, u li tista' tiġi sospiża jew ikkanċellata f' kull ħin permezz ta' deċiżjoni li tagħti r-raġunijiet għal dan. Dokument li jirreferi għal din l-awtorizzazzjoni għandu jinżamm ma' l-armi tan-nar sakemm din tilħaq id-destinazzjoni tagħha; huwa għandu jiġi ppreżentat kull meta hekk meħtieġ mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

Mhux aktar tard miż-żmien tat-trasferiment, il-kummerċjant għandu jikkomunika lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru fejn għandu jsir it-trasferiment id-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2.

4. Kull Stat Membru għandu jagħti lill-Istati Membri l-oħra lista ta' l-armi tan-nar li t-trasferiment tagħhom fit-territorju tiegħu ma tistax tiġi awtorizzata mingħajr il-kunsens tiegħu minn qabel.

Din il-lista ta' armi tan-nar għandha tiġi kkomunikata lill-kummerċjanti li jkunu ġabu l-approvazzjoni għat-trasferiment tal-armi tan-nar mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel taħt il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3.

Artikolu 12

1. Kemm-il darba l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11 ma tiġix segwita, il-pussess ta' l-armi tan-nar matul il-vjaġġ bejn żewġ Stati Membri jew aktar, m' għandux jitħalla sakemm il-persuna interessata ma tkunx gābet l-awtorizzazzjoni ta' daww l-Istati Membri kollha.

L-Istati Membri jistgħu jagħtu din l-awtorizzazzjoni għal vjaġġ wieħed jew aktar għal żmien massimu ta' sena, bil-possibilità ta' tiġdid. Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiddaħħlu fil-pass Ewropew ta' l-armi tan-nar, li l-vjaġġatur għandu jippreżenta kull meta hekk rikjest mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-kaċċaturi, fejn għandhom x' jaqsmu l-kategoriji C u D, u l-persuni li jisparaw fejn għandhom x' jaqsmu l-kategoriji B, C u D, jistgħu mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel iżommu fil-pussess tagħhom waħda jew aktar armi tan-nar ta' dawn il-kategoriji matul il-vjaġġ bejn żewġ jew aktar Stati Membri, bil-ħsieb li jipprattikaw l-attività tagħhom, sakemm ikollhom fil-pussess tagħhom Pass Ewropew għall-Armi tan-Nar li jsemmi din l-armi jew armi u sakemm huma jistgħu jagħtu raġunijiet għall-vjaġġ tagħhom, b'mod partikolari billi jippreżentaw invit.

Madankollu din id-deroga ma tapplikax għal vjaġġi lejn Stat Membru li jipprojbixxi l-akkwist u l-pussess ta' l-armi tan-nar in kwistjoni jew li taħt l-Artikolu 8(3), jirrekjedi awtorizzazzjoni; f'dan il-każ għandha ssir dikjarazzjoni apposta fuq il-Pass Ewropew ta' l-Armi tan-Nar.

Fil-kuntest tar-rapport msemmi fl-Artikolu 17, il-Kummissjoni b' konsultazzjoni ma' l-Istati Membri, għandha wkoll tikkonsi-

dra l-effetti ta' l-applikazzjoni tat-tieni subparagrafu, l-aktar dwar l-impatt tagħha fuq l-ordni u s-sigurtà pubblika.

3. Żewġ Stati Membri jew aktar, jistgħu taħt il-ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-dokumenti nazzjonali, jipprovd għal arranġamenti aktar flessibbli minn daww meħtieġa minn dan l-Artikolu għall-moviment ta' l-armi tan-nar fit-territorji tagħhom.

Artikolu 13

1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika l-informazzjoni utili kollha li jkollu disponibbli dwar it-trasferiment definittiv ta' l-armi tan-nar lill-Istat Membru li t-trasferiment isir fit-territorju tiegħu.

2. L-informazzjoni kollha li Stat Membru jirċievi permezz tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 11 dwar it-trasferimenti ta' l-armi tan-nar u fl-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 8(2) dwar l-akkwist u l-pussess ta' l-armi tan-nar minn persuni mhux residenti għandu jiġi kkomunikat, mhux aktar tard miż-żmien tat-trasferiment relevanti, lill-Istat Membru tad-destinazzjoni u fejn xieraq, mhux aktar tard miż-żmien tat-trasferiment lejn l-Istati Membri matul il-vjaġġ.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-qafas għall-iskambju ta' informazzjoni bl-għan li japplikaw dan l-Artikolu sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993. Huma għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli sabiex tikkomunika u tirċievi informazzjoni u sabiex tapplika l-formalitajiet msemmija fl-Artikolu 11(4).

Artikolu 14

L-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet kollha relevanti li jipprojbixxu d-dħul fit-territorju tagħhom:

- ta' arma tan-nar, barra mill-każijiet msemmija fl-Artikoli 11 u 12 u sakemm il-kondizzjonijiet hemm imsemmija jiġu mħarsa,
- ta' arma barra minn arma tan-nar sakemm id-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' l-Istat Membru in kwistjoni hekk jippermettu.

KAPITOLU IV

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom jintensifikaw il-kontrolli fuq il-pussess ta' armi fil-fruntieri esterni tal-Komunità. B' mod partikolari huma għandhom jaraw li l-vjaġġaturi minn terzi pajjiżi li għandhom intenzjoni jmorru lejn Stat Membru ieħor jaderixxu ma' l-Artikolu 12.

2. Din id-Direttiva ma tipprekudix li jsiru kontroll mill-Istati Membri jew mit-trasportatur fil-mument li wieħed jitla' fuq il-mezz tat-trasport.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-mod li bih isiru l-kontrolli msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Il-Kummissjoni għandha tiġbor din l-informazzjoni u tagħmilha disponibbli lill-Istati Membri kollha.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom, inklużi l-bidliet dwar l-akkwist u l-pussess ta' l-armi, fejn il-liġi nazzjonali hija aktar iebsa mill-*standards* minimi li huma għandhom jadottaw. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

Artikolu 16

L-Istati Membri għandhom idaħħlu penali għan-nuqqas ta' ħarsien tad-dispożizzjonijiet adottati taħt din id-Direttiva. Dawn il-penali għandhom ikunu biżżejjed sabiex iħeġġu l-ħarsien ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Artikolu 17

Fi żmien ħames snin mid-data tat-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, flimkien ma' proposti jekk ikun xieraq.

Artikolu 18

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, r-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex

iħarsu din id-Direttiva fi żmien xieraq sabiex il-miżuri pprovduti minn din id-Direttiva jistgħu jidħlu fis-seħħ mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li jkunu hađu.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, huma għandhom jagħmlu referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom tali referenza meta jiġu uffiċjalment ippubblikati. Il-metodi kif issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

Artikolu 19

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-18 ta' Ġunju 1991.

Għall-Kunsill

Il-President

G. WOHLFART

ANNEX I

- I. Għall-fini ta' din id-Direttiva:
- kull arma tan-nar kif definita fis-sezzjoni II ta' dan l-Anness,
 - armi barra minn armi tan-nar kif definiti fil-liġi nazzjonali.
- II. Għall-fini ta' din id-Direttiva, 'arma tan-nar' tfisser:
- A. Kull oġġett li jaqa' taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin, sakemm ma jaqax taħt it-tifsira iżda jkun eskluż minħabba waħda mir-raġunijiet imsemmija fis-sezzjoni III.

Kategorija A- Armi tan-nar ipprojbti

1. Missili splossivi militari u *launchers*.
2. Armi tan-nar awtomatiċi.
3. Armi tan-nar moħbija bħala oġġetti oħra.
4. Munizzjon bi projettili li jippenetraw, jisplođu jew iqabdu, u l-projettili għal dan il-munizzjon.
5. Munizzjon għall-pistoli u revolvers bi projettili li jespandu u l-projettili għal dan il-munizzjon, ħliet f' każ ta' armi għall-kaċċa jew għall-isparar fuq bersalji, għall-persuni li għandhom id-dritt jużawhom.

Kategorija B - armi tan-nar soġġetti għall-awtorizzazzjoni

1. Armi tan-nar semi-awtomatiċi jew qosra li jirrepetu.
2. Armi tan-nar qosra b'tir wieħed b'*centre-fire percussion*.
3. Armi tan-nar qosra b'tir wieħed b'*rimfire percussion* li t-tul kollu tagħhom huwa inqas minn 28cm.
4. Armi tan-nar semi-awtomatiċi li l-kompartiment għall-iskrataċ u r-rukkell tagħhom flimkien jieħdu aktar minn tlett tiri.
5. Armi tan-nar twal u semi-awtomatiċi li l-magazin u *chamber* tagħhom flimkien ma jeħdux aktar minn tliet tiri, fejn il-mezz sabiex l-arma tiġi kkargata jista' jitneħħa jew fejn mhux żgur jekk l-arma tistax tinbidel jew le b' għodda normali l-arma li l-magazin u *chamber* tagħha flimkien jieħdu aktar minn tliet tiri.
6. Armi tan-nar twal li jirrepetu t-tiri u li huma semi-awtomatiċi b' kanen lixxi li ma jaqbx is-60cm tul.
7. Armi tan-nar semi-awtomatiċi għall-użu minn ċittadini li jixbhu lill-armi b'mekkaniżmi semi-awtomatiċi.

Kategorija Ċ - armi tan-nar soġġetti għal dikjarazzjoni

1. Armi tan-nar twal li jirrepetu, barra daww mniżżla fil-kategorija B, punt 6.
2. Armi tan-nar twal b'kanen li jisparaw tir wieħed.
3. Armi tan-nar twal u semi-awtomatiċi barra daww tal-kategorija B, punti 4 sa 7.
4. Armi tan-nar b'tir wieħed b'*rimfire percussion* li t-tul kollu tagħhom mhux inqas minn 28 cm.

Kategorija D- Armi tan-nar oħra

Armi tan-nar twal b'tir wieħed u kanen lixxi.

- B. Kull komponent essenzjali ta' dawn l-armi.

Il-mekkaniżmu tal-għeluq, *iċ-chamber* u l-kanna ta' l-arma tan-nar, li filwaqt li huma separati, huma inklużi fil-kategorija ta' l-armi tan-nar fejn huma jew huma maħsuba li jiġu mmuntati.

- III. Għall-fini ta' dan l-Anness oġġetti li jikkorrispondu għat-tifsira ta' 'arma tan-nar' m'għandhomx jiġu inklużi f' dik it-tifsira jekk:
- (a) saru permanentement mhux tajba għall-użu minħabba l-applikazzjoni ta' proċeduri tekniċi li huma ggarantiti minn korp uffiċjali jew magħrufa bħala tali minn dan il-korp;
 - (b) huma ddisinjati għall-allarm, biex jagħtu sinjali, isalvaw ħajja, il-qtil ta' l-annimali jew is-sajd bil-ħarpun jew għal għajjiet industrijali jew tekniċi sakemm jistgħu jintużaw biss għal dawn l-għanijiet;
 - (c) huma meqjusa bħala armi antiki jew riproduzzjoni tagħhom meta dawn ma jaqgħux taħt il-kategoriji ta' qabel u huma soġġetti għall-liġijiet nazzjonali.

Sakemm issir il-koordinazzjoni tul il-Kommunità, l-Istati Membri jistgħu japplikaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom għall-armi tan-nar mniżżla f' din is-Sezzjoni.

IV. Għall-fini ta' dan l-Anness:

- (a) 'arma tan-nar qasira' tfisser arma tan-nar b'kanna li ma taqbiżx it-30 cm jew li t-tul kollu tagħha ma jaqbiżx is-60cm;
 - (b) 'arma tan-nar twila' tfisser kull arma tan-nar barra minn arma tan-nar qasira;
 - (c) 'arma tan-nar awtomatika' tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga b'mod awtomatiku kull darba li jiġi sparat tir u li tista' tispara aktar minn tir wieħed b'għafsa waħda tal-grillu;
 - (d) 'arma tan-nar semi-awtomatika' tfisser arma tan-nar li terġa' tikkarga b'mod awtomatiku kull darba li jiġi sparat tir u li tista' tispara tir wieħed biss b'għafsa waħda tal-grillu;
 - (e) 'arma tan-nar li tirrepeti' tfisser arma tan-nar li wara li jiġi sparat tir hija ddisinjata sabiex terġa' tiġi kkargata minn magazin jew ċilindru permezz ta' azzjoni li ssir manwalment;
 - (f) 'arma tan-nar b'tir wieħed' tfisser arma tan-nar mingħajr magazin li tikkarga qabel kull tir billi wieħed bl-id idaħħal tir fiċ-*chamber* jew rokna għall-ikkargar fil-*breech* tal-kanna;
 - (g) 'munizzjon bi proġettili li jippenetraw' tfisser munizzjon għall-użu militari meta l-proġettili għandu qoxra u għandu ċentru iebes li jippenetra;
 - (h) 'munizzjon bi proġettili splussivi' tfisser munizzjon għall-użu militari meta l-proġettili fih kariga li tispodi mal-kuntatt;
 - (i) 'munizzjon bi proġettili li jieħdu n-nar' tfisser munizzjon għall-użu militari meta l-proġettili jkun fih taħlita kimika li tispodi fi fjamma mal-kuntatt ma' l-arja jew ma' l-impatt.
-

ANNEX II

PASS EWROPEW TA' L-ARMI TAN-NAR

Il-pass għandu jkun fiha is-sezzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-identità tad-detentur;
- (b) l-identifikazzjoni ta' l-arma jew l-arma tan-nar, inkluża referenza għall-kategorija skond it-tifsira tad-Direttiva;
- (c) il-perjodu ta' validità tal-pass;
- (d) is-sezzjoni għall-użu mill-Istat Membru li joħroġ il-pass (tip u referenzi għall-awtorizzazzjonijiet, eċċ.);
- (e) is-sezzjoni għal daħliet minn Stati Membri oħra (awtorizzazzjonijiet sabiex tidħol fit-territorju tagħhom, eċċ.);
- (f) id-dikjarazzjonijiet:

“Id-dritt li wieħed jivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor b'arma tan-nar jew aktar tal-kategoriji B, Ċ jew D msemmija f' dan il-pass huma soġġetti għall-awtorizzazzjonijiet korrispondenti minn qabel mill-Istat Membru taż-żjara. Din jew dawn l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jitniżżlu fuq il-pass.

Fil-prinċipju m'hemmx bżonn ta' l-awtorizzazzjoni minn qabel fuq imsemmija sabiex wieħed jivvjaġġa b'arma tan-nar fil-kategorija Ċ jew D bi ħsieb li jipprattika l-kaċċa jew b'arma tan-nar tal-kategorija B, Ċ jew D sabiex jieħu sehem fi sparar fuq bersalji, sakemm il-vjaġġatur ikollu fil-pussess tiegħu pass għall-arma tan-nar u jista' jagħti r-raġuni għall-vjaġġ.”

Fejn Stat Membru jinforma lill-Istati Membri l-oħra skond l-Artikolu 8(3), li l-pussess ta' ċerti armi tan-nar tal-kategoriji B, Ċ jew D huwa pprojbit jew soġġett għall-awtorizzazzjoni, għandu jagħmel ukoll waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

“Vjaġġ lejn ... (Stat(i) interessat/i) bl-arma tan-nar ... (l-identifikazzjoni) huwa pprojbit.”

“Vjaġġ lejn ... (Stat(i) interessat/i) bl-arma tan-nar ... (l-identifikazzjoni) huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni.”
